MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## ANNA FELICE

Seduta ta' l-10 ta' Lulju, 2014

Citazzjoni Numru. 253/2014

**Maria Dolores sive Doreen Demarco**

**vs**

**Christopher Demarco**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta' Maria Dolores sive Doreen Demarco li permezz tieghu, wara li gie premess illi:

Il-partijiet izzewgu nhar it-30 ta' Ottubru tas-sena 1999 u bejniethom kienet tirrenja l-komunjoni tal-akkwisti;

Il-kunsens tal-esponenti gie karpit bi vjolenza diretta, ingusta, gravi u determinanti kommessa fuqha mill-intimat u dan kif ser jirrizulta ampjament waqt l-mori tal-kawza;

Ghal tali abbozz, l-esponenti ma kelliex l-possibilità li tkun assistita;

Per konsegwenza ta' tali kuntratt, l-assi kollha tal-komunjoni tal-akkwisti, salv ghall-vettura wahda gew assenjati lir-ragel intimat; [kopja tal-inkartament kollu qed tigi annessa u mmarkata bhala Dok. DD2].

Jirrizulta wkoll mill-inkartament hawn anness u mmarkat Dok. DD2, li nhar il-31 ta' Jannar 2013, quddiem in-Nutar Ivan Barbara in segwitu ghall-digriet tal-Onorabbli Qorti (Gurisdizzjoni Volontarja), l-intimat bi hsieb hazin u b'ghemil doluz intiz sabiex jippregudika l-interessi tal-esponenti iddikjara illi l-assi immobbli kienu qed jigu assenjati lilu, stante li dawn inxtraw minn flus li kienu parafernali tieghu; <u>din id-dikjarazzjoni, ghal kuntrarju ta' dikjarazzjonijiet ohra, qatt ma giet ikkonfermata bil-gurament u dana minkejja li l-Qorti kienet ordnat li dan isehh</u>;

L-esponenti ma fehmitx u ma giex spjegat lilha l-import ta' tali dikjarazzjoni;

Ghaldaqstant, il-kunsens tar-rikorrenti fuq l-imsemmi kuntratt, mhux biss gie mehud bi vjolenza izda wkoll b'ghemil doluz da parte tal-intimat a bazi ta' dikjarazzjoni falza;

Ghalhekk l-esponenti qed tipprosegwi f'dain l-istanza fejn qed titlob dikjarazzjoni ta' nullità.

Intalbet din il-Qorti biex:

1. Tiddikjara illi l-kuntratt datat 11 ta' Dicembru 2013, in atti tan-Nutar Ivan Barbara, huwa null u bla effett ghaliex il-kunsens tal-attrici gie karpit bi vjolenza u theddid kommessi mill-intimat fuq ir-rikorrenti;

2. Tiddikjara illi l-kuntratt datat 11 ta' Dicembru 2013, in atti tan-Nutar Ivan Barbara, huwa null u bla effett ghaliex il-kunsens tal-attrici gie karpit b'ghemil doluz da parte tal-intimat;

3. Konsegwentement, tirrexxindi u tannulla ghal kollox il-kuntratt tal-11 ta' Dicembru 2013, in atti tan-Nutar Ivan Barbara;

4. Tahtar u tinnomina Nutar Pubbliku u tiffissa jum, hin u lok ghall-pubblikazzjonijiet tal-att ta' rexxissjoni relattiv, u tinnomina kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw lill-intimat, fl-eventwali kontumaci fuq l-istess att;

Bl-ispejjez kontra l-intimat li hu minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dokumenti annessi.

Rat ir-risposta guramentata ta’ Christopher Demarco li in forza taghha eccepixxa illi:

Fl-ewwel lok u in linea preliminari, l-azzjoni attrici hija nulla u rritwali stante li r-Rikors Guramentat odjern huwa konfuz u t-talbiet huma redatti b’mod lankoniku ghall-ahhar b’tali mod u manjiera illi ma huwiex possibbli ghall-konvenut li jiddetermina il-bazi tal-azzjoni attrici u konsegwentement il-konvenut qed isofri pregudizzju peress li mhux f’posizzjoni li jkun jista’ jiddefendi ruhu adegwatament ghall-allegazzjonijiet tal-atturi;

Minghajr pregudizzju ghas-suespost it-talbiet tar-rikorrenti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-istess rikorrenti billi ma kien hemm ebda vjolenza u theddid min-naha tal-esponenti u konsegwentement il-kuntratt ippubblikat fil-11 ta’ Dicembru 2013 in atti tan-Nutar Ivan Barbara huwa validu u vinkolanti;

Minghajr pregudizzju ghas-suespost it-talbiet tar-rikorrenti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-istess rikorrenti billi ma kien hemm ebda eghmil doluz min-naha tal-esponenti u konsegwentement il-kuntratt ippubblikat fil-11 ta’ Dicembru 2013 in atti tan-Nutar Ivan Barbara huwa validu u vinkolanti;

Minghajr pregudizzju ghas-suespost il-kuntratt imsemmi sar skond kif miftiehem bejn il-partijiet u percio l-kuntratt *de quo* huwa ghal kollox validu skond il-ligi;

Minghajr pregudizzju ghas-suespost fi kwalunkwe kaz it-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante illi huma bbazati fuq allegazzjonijiet foloz.

Salv eccezzjonijiet ohra.

Bl-ispejjez kontra l-attrici li hija minn issa ngunta in subizzjoni.

Semghet lid-difensuri jittrattaw il-kawza.

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza fuq l-ewwel eccezzjoni.

Ikkunsidrat illi permezz ta' din il-kawza r-rikorrenti qeghda titlob lill-Qorti tiddikjara li l-kuntratt ta' separazzjoni tal-beni ffirmat minnha huwa null ghaliex il-kunsens taghha gie mehud bil-vjolenza u theddid kif ukoll b'ghemil doluz. L-intimat jibda biex jilqa' ghall-kawza billi jsostni n-nullità tar-rikors li huwa jsostnu huwa konfuz tant li jippregudika d-difiza tieghu.

Ikkunsidrat illi l-Art. 789 tal-Kap. 12 jipprovdi illi eccezzjoni ta' nullità ta' att gudizzjarju tista' tinghata.

1. a) Jekk in-nullita' hija ddikjarata mil-ligi espressament;

b) Jekk l-att jinhareg minn qorti mhux kompetenti;

c) Jekk fl-att ikun hemm vjolazzjoni tal-forma mehtiega mil-ligi, ukoll jekk mhux taht piena ta’ nullità, kemm-il darba dik il-vjolazzjoni tkun giebet, lill-parti li titlob in-nullità, pregudizzju illi ma jistax jissewwa xort’ohra hlief billi l-att jigi annullat;

d) Jekk l-att ikun nieqes minn xi partikolarità essenzjali espressament mehtiega mill-ligi;

Izda dik l-eccezzjoni ta’ nullità kif mahsuba fil-paragrafi (a), (c), u (d) ma tkunx tista’ tinghata jekk dan in-nuqqas jew vjolazzjoni jkunu jistghu jissewwew taht kull dispozizzjoni ohra tal-ligi.

2. L-eccezzjoni ta’ nullità ta’ att, taht is-subartikolu 1(c), ma tistax tinghata, meta l-parti li taghtiha tkun baqghet taghmel jew, ghad li tkun taf biha, tkun halliet li jibqghu jsiru atti ohra wara, minghajr ma tecepixxi dik in-nullità.”

Il-principji li jirregolaw l-applikazzjoni ta’ dan il-provvediment gew konsistentement applikati minn dawn il-Qrati u essenzjalment jinkludu s-segwenti:

- Il-kazijiet fejn tista’ tirnexxi l-eccezzjoni huma tassattivament dawk elenkati fil-fuq citat artikolu tal-Kap. 12.

- Citazzjoni ghandu jkun fiha tifsir car u sewwa tal-oggett u r-raguni tat-talba.

- Citazzjoni ma tigix skartata ghajr ghal ragunijiet gravi.

• Fejn ma hemmx kontradizzjoni ghall-ahhar bejn premessi u talbiet jew bejn it-talbiet innifishom, il-Qorti trid tqis b'cirkospezzjoni l-eccezzjoni, il-kwalifika fil-kuntest ghandha tkun il-kjarezza tal-intenzjoni.

• L-oggett tal-kawza u r-raguni jridu jkunu mfissra cara.

• Premessi guridikament distinti u talbiet kontradittorji jwasslu ghan-nullita' tac-citazzjoni.

Il-Qorti tirreferi f'dan il-kuntest ghas-sentenzi "Fenech vs Grech" (Prim'Awla, deciza mill-Imhallef J. R. Micallef fl-24 ta' Settembru 2001), "Licari vs Cassar" (deciza mill- Imhallef R. C. Pace fit-12 ta' Dicembru 2001) u "Aquilina vs Aquilina" (deciza fil-21 ta' Marzu 1988).

Inoltre, kif irriteniet il-Qorti fil-kawza "Malta Development Corporations vs Licari Paul" (deciza fit-22 ta' April 2004).

> *"Huwa principju inderogabbli li l-azzjoni tigi kontenuta fil-premessi u fit-talbiet b'mod li jigu sodisfatti r-rekwiziti tal-Art. 156 imma huwa wkoll mehtieg ad substantia et validatem illi l-azzjoni tkun wahda kjarament identifikata fil-ligi."*

"***Francis Xavier sive Mose' Aquilina vs Carmela sive Lina Aquilina (App. Civ. 21 ta' Marzu 1988*)**, li minnha l-konvenut iqajjem il-punt li biex 'tigi dikjarata nulla l-azzjoni u

jitwaqqaf il-kors taghha, jenhtieg li jikkonkorru ragunijiet gravi, fosthom nuqqasijiet ta’ evidenti pregudizzju ghad-difiza tal-konvenut’.”

Min-naha l-ohra fil-kawza “Capua Palace Limited vs Arcidiacono Boris” (deciza fil-31 ta’ Jannar 2003) gie ritenut illi:

*“Fejn ma jkunx hemm kontradizzjoni ghall-ahhar bejn il-permessi u t-talbiet jew bejn it-talbiet innifishom, il-Qrati ghandhom iqisu b’cirkospezzjoni eccezzjoni ta’ nullità ta’ att gudizzjarju. Biex att ta’ citazzjoni jghaddi mill-prova tal-validità huwa bizzejjed li t-talba tkun imfassla b’mod tali li l-persuna mharrka tifhem l-intenzjoni ta’ min harrikha u li tali tifsila ma tkunx ta’ hsara ghall-imharrek li jiddefendi lilu nnifsu mit-talba tal-attur;*

*Hu necessarju illi jkun jirrizulta rapport ta’ konnessjoni ragjonevolment identifikabbli bejn il-premessi migjubin bhala l-kawza tat-talba u t-talba stess kif diretta kontra l-konvenut.”*

Inoltre, kif irriteniet il-Qorti tal-Appell fil-kawza Aquilina vs Aquilina (21 ta’ Marzu 1988):

*“Din il-Qorti inoltre tul is-snin f’diversi sentenzi taghha applikat dan il-principju b’mod li fejn jew ikun jonqos il-pregudizzju ghad-difiza tal-konvenut jew in-nuqqas fic-citazzjoni kienet taghmel tajjeb xi haga ohra ghalih, ma annullatx ic-citazzjoni (ara Savona vs Asphar deciza minn din il-Qorti fit-23 ta’ April 1945 u dik riportata fil-Vol.*

*XXXIV tal-Kollezzjoni a fol. 313 tal-Ewwel Parti). Minbarra minn hekk gie diversi drabi deciz u llum hu ormai pacifiku li nonostante l-fatt li citazzjoni jkollha xi haga mhux cara bizzejjed go fiha li però hi ccarata fid-dikjarazzjoni tal-attur dan hu bizzejjed biex isalva c-citazzjoni (ara Bonello vs Azzopardi, Vol. XXXIX.II.556; Gerada vs Cassar, XXXIX.II.501; Muscat vs Borg et, XXXIX.II.575 u Demarco vs Fiteni XLI.II.1035)."*

Applikati dawn il-principji ghall-kaz odjern, din il-Qorti ma ssibx li jissussistu dawk ir-ragunijiet gravi li jwassluha tiskarta l-kawza. L-intenzjoni tar-rikorrenti hija cara. Hija qed titlob li l-kuntratt *de quo* jithassar ghaliex il-kunsens taghha fuqu huwa vizzjat, u dan minhabba diversi cirkostanzi. Il-kawza tar-rikorrenti hija cara kemm ghal dak li jirrigwarda t-talbiet kif ukoll ghal dak li ghandu x'jaqsam mar-ragunijiet li taw lok ghall-istess talbiet. Il-Qorti ma ssibx li l-mod kif giet redatta l-kawza jista' jwassal ghal xi pregudizzju ghall-intimat fid-difiza tieghu, liema pregudizzju huwa r-ratio wara li l-provvediment tal-ligi li jipprovdi ghan-nullità. L-abbli difensur tal-intimat jiccita s-sentenza tal-Qorti tal-Appell fil-kawza Flavia Cassar vs Muscat. Din il-Qorti tqisha inapplikabbli ghall-kaz odjern senjatament ghaliex f'dik il-kawza l-atturi kienu qed jallegaw fl-istess waqt simulazzjoni, li tippressuponi ezistenza ta' kuntratt bi ftehim liberu, kif ukoll il-qerq u l-ingann. Mhux hekk fil-kawza odjerna.

Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tichad l-ewwel eccezzjoni tal-intimat u tordna lil-kawza titkompla regolarment.

L-ispejjez jibqghu rizervati ghall-gudizzju finali.

**< Sentenza In Parte >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------